MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2004

Appell Civili Numru. 46/1994/1

**Joseph Grima**

**vs**

**Francesco Attard u Joseph Borg u b'digriet tat-28 ta' Jannar, 1999, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Carmel Borg, Frank Borg, Grazio Borg, Salvu Borg, Tessie Sciberras u Elizabeth Borg f'isem l-imsiefrin Teddy Borg, Rose Bonnici u Dolores Grima**

**Il-Qorti:**

**<u>PRELIMINARI</u>**

1. Dan hu appell ad istanza ta' l-attur minn sentenza moghtija fis-27 ta' April, 2001, mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fl-ismijiet premessi li tghid hekk,
"Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur, wara li ippremetta:

Illi huwa fuq inkarigu tal-konvenuti esegwixxa xoghol ta' appalt, konsistenti fl-installazzjoni tas-sistema tad-dawl u ta' l-ilma, kif ukoll tat-tqeghid tal-katusi tad-drenagg fl-iskola ta' Kercem, Kercem, Ghawdex;

Illi ta' l-istess xoghol minnu maghmul u ta' l-ispejjez minnu minfuqa ghax-xiri ta' materjal ghall-istess fini, l-attur baqaghlu jiehu bilanc ta' elf mitejn u disgha u sittin lira (LM1,269) u dana skond l-anness kont, dokument "A";

Illi l-konvenuti, nonostanti li gew interpellati diversi drabi sabiex jhallsu dana l-bilanc minnhom dovut, dawna baqghu inadempjenti u dana peress illi jippretendu li l-bilanc li ghadu dovut huwa fl-ammont ta' mija u erbgha u ghoxrin lira u erbgha u hamsin centezmu (LM124.54c) u dana skond l-kont taghhom, li kopja tieghu qeghhda tigi esebita ma' dina c-citazzjoni u markata bhala Dokument "B".

Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex ma ghandhomx jigu ikkundannati minn din il-Qorti:

(I) Sabiex ihallsu lill-attur il-bilanc lilu dovut ta' elf mitejn u disgha u sittin lira (LM1,269), lilu dovuti, kif fuq gia` gie spjegat ta' xoghol ta' installazzjoni tad-dawl u ilma u tat-tqeghid tal-katusi tad-drenagg u spejjez minnu minfuqa ghax-xiri ta' materjal ghall-ezekuzzjoni ta' l-istess appalt.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali, u bl-ingunzjoni ta' l-istess konvenuti ghas-subizzjoni debitament imharrka.

Bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attur ikkonfermata bil-gurament tieghu.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew:

(I) In-nullita` tac-citazzjoni billi l-attur naqas li jipproduci mac-citazzjoni d-dokumenti kollha fosthom kont iddettaljat sabiex jiggustifika t-talba tieghu.

(II) Illi fil-mertu t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt.

(III) Illi l-atturi qeghdin jikkontestaw din ic-citazzjoni billi ma hux minnu li huma qatt taw xi appalt lill-attur ghal xoghol fl-iskola ta’ Kercem.

(IV) Illi kienet x’kienet ir-relazzjoni ta’ bejniethom l-ammont pretiz mill-attur ma hux dovut.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti ikkonfermata bil-gurament tal-konvenut Francesco Attard.

Rat il-verbali tax-xhieda mismugha.

Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta’ din il-kawza l-attur qed jitlob hlas minghand il-konvenuti ta’ dak illi huwa jippretendi li ghadu dovut lilu ghal xoghol ta’ stallazzjoni ta’ sistemi godda ta’ elettriciku u ‘plumbing’ fl-iskola governattiva ta’ Kercem, f’xi zmien qabel l-elezzjonijiet generali ta’ l-1987. Originarjament dan ix-xoghol kien kompriz fir-renovazzjonijiet li gew inkarigati jaghmlu l-konvenuti fl-iskola ta’ Kercem. Imma proprju fil-bidu ta’ l-ezekuzzjoni tieghu gie introdott l-attur sabiex jaghmel hu dan ix-xoghol ta’ elettriku u ‘plumbing’, billi kien aktar specjalizzat fih. Ir-“refurbishment” ta’ l-

iskola ta’ Kercem kien gie kommissjonat mis-socjeta` “Land and Sea Civil Engineering Company Limited” li kienet twaqqfet apposta sabiex taghti xoghol lill-kuntratturi privati fuq diversi progetti governattivi. Ix-xoghol li kellhom iwettqu l-kontendenti f’din l-iskola partikolari, kellu jsir skond ma jigi indikat lilhom fuq il-post minn rapprezentanti ta’ l-istess kumpanija. L-ispiza involuta kellha tigi stabilita minn ‘quantity surveyors’ mibghuta wkoll minn din il-kumpanija. Kundizzjoni partikolari f’dan il-ftehim kien illi l-kuntratturi li riedu jidhlu ghal dan ix-xoghol kellhom jutilizzaw membri tal-korp parastatali tad-Dejma li jigu assenjati lilhom skond il-valur tax-xoghol involut, bejn wiehed u iehor haddiem ghal kull elf u hames mitt lira Maltija (LM1,500) involuti.

Il-kontendenti ma jaqblux dwar in-natura proprja ta’ l-arrangament li kien hemm biex twettqu dawn ix-xogholijiet. Filwaqt illi l-attur jinsisti illi huwa kien fil-posizzjoni ta’ sub-appaltatur tal-konvenuti, il-kuntratturi originali li hadu x-xoghol fl-iskola msemmija, il-konvenuti jinsistu illi dana ma kien xejn kuntratt ta’ appalt u ma kienux huma li inkarigaw lill-attur, imma gie impost fuqhom. Pero`, kienet x’kienet in-natura vera ta’ dan l-arrangament, jibqa’ fatt innegabbli illi l-hlasijiet lill-kumpanija imsemmija kienu jsiru direttament lill-konvenuti u dawn imbaghad kienu jaghmlu huma pagamenti akkont lill-attur. Dana minkejja illi fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghhom il-konvenuti jichdu illi ghandhom xi relazzjoni guridika ma’ l-attur. Infatti, anke mid-dokumenti esebiti, partikolarment “Dok. B” anness mac-citazzjoni (a fol. 8-9) jammettu illi ghad baqaghlhom bilanc zghir pendenti ma’ l-attur.

Irrizulta qbil bejn il-partijiet illi l-ammont komplessiv li gie stabilit mill-‘quantity surveyors’ ghax-xoghol kollu li kellu jsir fl-iskola ta’ Kercem, kien ilahhaq ic-cifra ta’ tlieta u tletin elf hames mija u tmien liri Maltin (LM33,308). Hekk ukoll jaqblu illi l-ispejjez kollha involuti telghu ghas-somma ta’ hdax-il elf seba’ mija wiehed u tmenin lira Maltija (LM11,781) li kienu jikkomprendu s-salarji tal-haddiema tad-Dejma li kienu jinqatghu direttament qabel ma jsiru l-pagamenti lill-konvenuti, il-‘bonuses’ imhallsa mill-

konvenuti lill-istess haddiema, u spejjez ohra li jirrizultaw mid-Dok. B fuq imsemmi.  Mhux lanqas kontestat illi l-attur gie rcieva s-somma ta- elfejn mitejn u erbghin lira Maltin (LM2,240) akkont minghand il-konvenuti, mis-somma ta’ tlett elef sitt mija u sebgha u sebghin lira Maltija (LM3,677), stabbilita bhala l-prezz tax-xoghol ta’ elettriku u ‘plumbing’ fl-iskola ta’ Kercem.

Id-divergenza bejn il-kontendenti hija ghalhekk limitata ghall-‘quantum’ illi huwa realment dovut lill-attur, wara l-pagamenti illi lahqu saru.  L-attur jispjega li wasal ghac-cifra ta’ elf mitejn disgha u sittin lira Maltin (LM1,269) indikata fic-citazzjoni, billi naqqas dawn l-elfejn mitejn u erbghin lira (LM2,240) li rcieva akkont mill-ammont totali stabbilit ghax-xoghol tieghu, kif ukoll mija tmienja u sittin lira Maltija (LM168) ghall-paga ta’ haddiem tad-Dejma li ghenu fuq dan ix-xoghol u persentagg ta’ tnejn punt tlieta fil-mija (2.3%) li huwa jaccetta illi kellu jikkontribwixxi bhala sehmu mill-ispejjez (ara Dok. A a fol. 7).

Il-konvenuti permezz tal-kont mahdum mill-konvenut Joseph Borg, esebit mill-attur stess (Dok. B), jikkontendu illi ghad baqghalhom jaghtu lill-attur mija erbgha u ghoxrin lira Maltija u erbgha u hamsin centezmu (LM124.54). Huma waslu ghal din ic-cifra billi naqqsu mill-ammont dovut lill-attur, persentagg ta’ hamsa u tletin punt decimali hmistax fil-mija (35.15%), bhala sehmu mill-ispejjez, wara li ttiehed in konsiderazzjoni l-pagament gia` maghmul akkont.
Il-Qorti, wara li ezaminat sewwa c-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz, thoss illi ma tistax taccetta l-kont kif mahdum mill-attur.  Mhux accettabbli illi dan jiddeciedi wahdu x’sehem ghandu jissaporti mill-ispejjez generali u jaqta’ dak biss li jidhirlu hu li kellu jikkontribwixxi. Certament ma jistax jinghad illi l-attur kien f’relazzjoni ta’ sub-appaltatur mal-konvenuti.  Gie stabilit li ma kienx inkarigat minnhom imma pjuttost gie impost fuqhom. Bhala sub-appaltatur lanqas ma kien ser ikun tenut jikkontribwixxi ghal ebda parti mill-ispejjez inkorsi mill-konvenuti, imma kien semplicement jipprezenta l-kont tieghu lill-konvenuti.  Di piu` dan il-kont ma giex ippreparat minnu u ma kellu ebda kontroll fuqu, hlief li jindika

x’attwalment kien ghamel lill-‘quantity surveyors’, li iffissaw l-ammonti dovuti ghax-xoghol kollu involut fl-iskola ta’ Kercem, inkluz dak tal-konvenuti. Ghalkemm il-kumpanija “Land and Sea” baqghet tirrikonoxxi ufficcjalment lill-konvenuti biss (ara Dokti. JB. 7, 8 u 9 a fol. 170, 171, 172 esebiti mill-konvenut Borg), jidher illi l-attur iddahhal bhala sieheb informali taghhom fuq din il-bicca xoghol mir-rapprezentanti ta’ l-istess kumpanija, bl-istess pattijiet u kundizzjonijiet li kienu accettaw il-konvenuti. Bhala tagli, hija l-fehma ta’ din il-Qorti li huwa kellu jikkontribwixxi proporzjonalment fl-ispejjez kollha inkorsi, inluzi s-salarji tal-haddiema bil-‘bonus’ b’kollox u l-percentwali maqghugha lill-periti li ivverifikaw il-kontijiet, u mhux biss dak li arbitrarjament deherlu li ghandu jikkontibwixxi l-attur.

Ghaldaqstant, billi x-xoghol ta’ l-elettriku u ‘plumbing’ maghmul mill-attur gie ivvalutat fl-ammont ta’ Lm3,677, filwaqt illi l-ammont globali tax-xoghol kollu mwettaq fl-iskola ta’ Kercem, lahhaq total ta’ LM33,508, jigi illi l-attur kellu hdax fil-mija (11%) mix-xoghol kollu, u ghalhekk fil-fehma tal-Qorti ghandu gustament jissoporti l-istess persentagg mill-ispejjez totali ammontanti ghal LM11,781 u ghalhekk LM1,296.

Mhux validu l-argument maghmul mill-attur fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet tieghu illi jekk ser ikollu jbati percentwali mill-ispejjez globali, ghandu jgwawdi wkoll l-istess percentwali mill-profitti generali. Ic-cifri ta’ LM3,677 stabilita mis-surveyors ghax-xoghol ta’ elettriku u plumbing, ma setghetx ma haditx in konsiderazzjoni l-margini ta’ profitt li kellu jibqa’ wara l-ispejjez inkorsi mill-attur ghax-xiri ta’ materjal u fittings, l-istess bhal ma indubbjament kellu jsir ghax-xoghol li kellu jitwettaq mill-konvenuti. L-attur ma kienx involut fil-parti tax-xoghol imwettaq mill-konvenuti u ghalhekk lanqas seta’ u effettivament lanqas ma hu qed jippretendi ebda sehem mill-profitti li saru ghal dak ix-xoghol. Il-valur totali tax-xoghol fdat lilu kien ta’ LM3,677 u l-profitti li seta’ qatt jaghmel kellu jkun parti minn dak l-ammont u xejn izjed. Imma biex seta’ jitwettaq dan ix-xoghol kellhom isiru l-ispejjez ancillari spjegati mill-konvenut Joseph Borg fil-

kont redatt minnu (a fol. 8-9) gia` indikat. Minn dawn l-ispejjez bhala ma l-attur huwa tenut ibati hdax fil-mija (11%), proporzjonalment max-xoghol minnu maghmul, il-konvenuti kellhom jissoportu d-disgha u tmenin fil-mija (89%) l-ohra ghax-xoghol fdat lilhom.

Ghalhekk u peress illi mill-ammont ta' LM3,677 dovut lill-attur ghax-xoghol tieghu fl-iskola ta' Kercem, gia` thallas LM2,240 u gie stabilit li jridu jitnaqqsu LM1,296 bhala sehmu mill-ispejjez, jirrizulta li ghad baqaghlu jiehu minghand il-konvenuti mija wiehed u erbghin lira Maltija (LM141).

Minhabba d-diffikultajiet involuti fl-interpretazzjoni tal-ftehim 'sui generis' li wassal il-partijiet ghal din il-kawza, l-ispejjez ghandhom jigu ssoportati ugwalment bejniethom."

**L-APPELL TA' L-ATTUR U R-RISPOSTA TAL-KONVENUTI**

2. Kif gia` nghad sar l-appell min-naha ta' l-attur kemm fuq aggravju ta' indole legali, kif ukoll fil-meritu u talab ir-revoka tas-sentenza appellata.

3. Il-kontroparti konvenuta appellata, min-naha taghha, wiegbet li l-aggravji ta' l-attur huma lkoll infondati u ghandhom jigu respinti.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

4. Fl-ewwel aggravju, l-attur appellant jissottometti li s-sentenza appellata tikkontjeni difett sostanzjali li jwassal biex din "tigi annullata ghaliex hemm mankanza kompleta fis-sentenza appellata tar-ratio decidendi".

Din il-Qorti, wara li ezaminat is-sentenza appellata fid-dawl tas-sottomissjonijiet kemm tal-parti appelanti, kif ukoll dik appellata, jidhrilha li dan l-aggravju huwa fondat.

5. Din il-Qorti tibda billi tosserva li l-parti dizpozittiva relativa ghall-meritu tal-vertenza hija redatta b'mod li juri biss "x'irrizulta" lill-Qorti ta' l-ewwel grad. Fi kliem iehor il-

Qorti ma tghidx esplicitament x'qeghdha tiddeciedi. L-Artikolu 219 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta invece jistipula hekk,
"Kull dikjarazzjoni li l-qorti trid li tkun deciziva jew obbligatorja, ghandha tigi mdahhla fid-dizpozittiv."

Fil-fehma tal-Qorti, is-sentenza appellata kwantu ghall-meritu mhijiex ghal kollox cara f'dak li kien qed jigi deciz mill-ewwel Qorti, izda dan in-nuqqas mhux l-uniku wiehed.

6. Aktar gravi minn dak li jinghad supra pero` gej mill-fatt li, minkejja li l-parti appellanti kienet eccepiet, proprju fil-bidu tan-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha, kwantu segwe,
"1. In-nullita` tac-citazzjoni billi l-attur naqas li jipproduci mac-citazzjoni dokumenti kollha fosthom kont dettaljat sabiex jiggustifika t-talba tieghu",

jidher li l-ewwel Qorti injorat ghax kollox tali eccezzjoni u dan billi marret minnufih f'ezami tal-meritu u di piu`, naqset milli tippronunzja ruhha specifikament dwar din l-ewwel eccezzjoni ta' nullita`, bi vjolazzjoni allura ta' dak li nsibu fl-Artikolu 730 tal-Kap. 12, li jghid hekk,
"L-eccezzjoni ta' ……. nullita` ta' atti, ghandhom jigu decizi b'kapi ghalihom, qabel, jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu."

Evidentement is-sentenza appellata tippekka f'kollox taht dan l-aspett.

7. Issa li kieku l-eccezzjoni ta' nullita` ma kienitx wahda bbazata fuq nuqqas fl-att ta' citazzjoni, kif inhu fil-kaz in ezami, allura din il-Qorti setghet tibqa' ghaddejja oltre, kemm-il darba jkun jirrizultalha li s-sentenza moghtija kienet wahda gusta fis-sustanza taghha – hekk issir riferenza ghall-Artikolu 790 tal-Kap. 12 – izda trattandosi hawn ta' eccezzjoni bbazata proprju fuq difett fl-att tac-citazzjoni, il-Qorti ta' l-ewwel grad ma setghetx tipprocedi kif ghamlet u tonqos ukoll milli tippronunzja ruhha fil-parti dispozittiva bil-mod kif jirrizulta li ghamlet. Huwa minnu li

gurisprudenza nostrali recensjuri evolviet b’mod li sa fejn huwa possibbli dawn il-Qrati jipprovaw jissorvolaw mankanzi ta’ natura purament formalistika u b’hekk “isalvaw” proceduri li jkunu difettuzi, imma mill-banda l-ohra din il-Qorti ta’ Appell mhijiex lesta li twarrab u/jew tissorvola dispozizzjonijiet cari u inekwivoci tal-Kodici tal-Procedura daqs li kieku dawn ma kienux hemm, ghaliex inkella facli jissuccedi li jibda jirrenja l-kaos minflok ic-certezza tad-dritt.

Ghalhekk isegwi li l-ewwel aggravju ta’ l-appellant huwa fondat u qed jigi milqugh u peress li wahdu dan iwassal gia` ghall-annullament tas-sentenza appellata, m’hemmx bzonn li jigu investiti wkoll il-bqija ta’ l-aggravji li jolqtu l-meritu tal-vertenza.  Fic-cirkostanzi ghalhekk is-sentenza moghtija ghandha tigi revokata u l-atti rinvjati lura quddiem il-Qorti ta’ l-ewwel grad sabiex din tiddeciedi l-kawza skond il-ligi.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi filwaqt li tilqa’ l-ewwel aggravju ta’ l-appellant, tirrevoka s-sentenza appellata, b’dana li l-atti ghandhom jintbaghtu lura quddiem l-ewwel Qorti biex din tiddeciedi l-kawza skond il-ligi, bl-ispejjez relativi ghal dina l-istanza kontra l-parti appellata, u b’dawk relativi ghall-ewwel istanza jibqghu impregudikati sal-gudizzju finali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------